IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.12.2021
COM(2021) 822 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri ta' informazzjoni marbuta mal-politika agrikola komuni

{SWD(2021) 399 final}

I. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jikkonċerna l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' informazzjoni fir-rigward tal-politika agrikola komuni (PAK) għall-2019 u għall-2020, skont l-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni[1] (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament").

L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 45(1) tar-Regolament jiddikjara li l-għoti ta' informazzjoni permezz tal-miżuri ffinanzjati "għandu jkollu l-għan, b'mod partikolari, li jgħin fit-tifsir, l-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-PAK u li jżid l-għarfien tal-pubbliku dwar il-kontenut u l-objettivi tagħha, jerġa' jrawwem il-fiduċja tal-konsumaturi wara l-kriżijiet permezz ta' kampanji ta' informazzjoni, jinforma lill-bdiewa u lil partijiet oħra attivi f'żoni rurali u jippromwovi l-mudell Ewropew tal-agrikoltura u jgħin liċ-ċittadini jifhmuh". L-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 45(2) jgħid li dawn il-miżuri "jikkontribwixxu biex tiġi koperta l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni sakemm dawk il-prijoritajiet ikunu relatati mal-għanijiet ġenerali ta' dan ir-Regolament".

Il-miżuri ta' informazzjoni ffinanzjati jaqgħu f'żewġ kategoriji ewlenin:

- Dawk sottomessi minn organizzazzjonijiet ta' partijiet terzi għall-kofinanzjament skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija – FAEG (għotjiet);
- Dawk fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni u ffinanzjati b'rata ta' 100 % skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija – FAEG (azzjonijiet diretti/akkwist pubbliku).

Skont l-Artikolu 45(5) tar-Regolament, kull sentejn għandu jiġi ppreżentat rapport dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' informazzjoni skont ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan hu d-disa' rapport bħal dan[2].

F'dan il-perjodu, id-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (DĠ AGRI) kompla jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni kontinwa tal-azzjonijiet ta' komunikazzjoni korporattiva tal-Kummissjoni. Inġabru riżorsi minn programmi ta' nfiq differenti biex jiġu ffinanzjati l-prijoritajiet ta' komunikazzjoni abbażi tal-objettivi ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Fl-2019, l-azzjonijiet ta' komunikazzjoni tad-DĠ AGRI irriflettew kif il-Politika Agrikola Komuni kkontribwiet għall-prijoritajiet tal-Kummissjoni Juncker, speċjalment dwar il-ħolqien ta' impjiegi, it-tkabbir u l-investiment, u tat benefiċċji tanġibbli liċ-ċittadini. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni ppreparat biex twettaq l-ambizzjonijiet ewlenin tal-Kummissjoni Von der Leyen, b'mod partikolari dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew. Fl-2020, il-Kummissjoni l-ġdida ġiet ikkonfrontata malajr bil-pandemija tal-coronavirus, u l-ħtieġa li torganizza reazzjoni Ewropea miftiehma u kkoordinata għall-emerġenza. Id-DĠ AGRI kkontribwixxa għall-komunikazzjoni kemm fil-livell korporattiv kif ukoll f'dak settorjali dwar il-miżuri meħuda biex jiġu protetti s-saħħa u s-sikurezza taċ-ċittadini, biex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv kontinwu tal-katina tal-provvista alimentari u tas-sigurtà alimentari, u dwar il-pjan ta' rkupru orjentat lejn il-futur propost mill-Kummissjoni bbażat fuq l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku.

Fl-2020, sar stħarriġ tal-Ewrobarometru, bħala parti mit-trekkjar regolari tal-perċezzjonijiet taċ-ċittadini tal-UE dwar l-agrikoltura u l-PAK. It-tliet objettivi tal-PAK ikklassifikati bħala l-

[1] Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.

[2] COM(2003) 235 finali tat-8.5.2003; COM(2007) 324 finali tat-13.6.2007; COM(2009) 237 finali tal-20.5.2009; COM(2011) 294 finali tal-25.5.2011; COM(2013) 645 final tal-20.9.2013; COM(2016) 83 final tal-23.2.2016; COM(2017) 777 final tal-19.12.2017; COM(2019) 634 final tas-17.12.2019.

aktar importanti mill-Ewropej – il-provvista ta' ikel sikur u tajjeb għas-saħħa ta' kwalità għolja, l-iżgurar ta' standard ta' għajxien ġust għall-bdiewa kif ukoll il-ħarsien tal-ambjent u l-indirizzar tat-tibdil fil-klima – baqgħu ġeneralment stabbli sa mill-2017. Il-maġġoranza dejjem tikber tal-Ewropej tqis li l-PAK tissodisfa l-objettivi tagħha u li hija ta' benefiċċju għaċ-ċittadini kollha, mhux biss għall-bdiewa[3].

Barra minn hekk, matul l-2020, twettaq studju estern ta' appoġġ għall-evalwazzjoni[4] tal-politika ta' informazzjoni dwar il-Politika Agrikola Komuni. Dan sab li l-miżuri ta' informazzjoni meħuda kienu ta' suċċess fit-titjib tal-fehim u l-perċezzjonijiet fir-rigward tal-PAK. Huwa pprovda wkoll gwida siewja għat-tħejjija tal-istrateġija ta' komunikazzjoni esterna tad-DĠ AGRI għall-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2025. L-istudju kkontribwixxa wkoll għal evalwazzjoni ġenerali tal-politika ta' informazzjoni dwar il-PAK, li ġiet konkluża bil-pubblikazzjoni ta' rapport ta' evalwazzjoni[5].

L-annessi msemmija fit-test jinsabu fid-dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport.

II. BAĠIT

Il-baġit magħmul disponibbli għall-miżuri ta' informazzjoni skont il-linja baġitarja 05 08 06, oriġinarjament previst fid-deċiżjoni ta' finanzjament, kien ta' EUR 8 miljun fl-2019; u ta' EUR 8 miljun fl-2020. Barra minn hekk, fil-qafas tal-azzjonijiet ta' komunikazzjoni korporattiva tal-Kummissjoni matul il-perjodu, fl-2019 ġew kodelegati EUR 5 655 000 mid-DĠ AGRI (kemm mingħand il-FAEG kif ukoll il-FAEŻR) lid-DĠ Komunikazzjoni, li huwa responsabbli għall-immaniġġjar tal-kampanji korporattivi tal-Kummissjoni, u EUR 7 545 000 fl-2020.

It-tqassim tal-baġit allokat bejn l-akkwist pubbliku (azzjonijiet meħuda fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni) u l-għotjiet (azzjonijiet kofinanzjati) kien kif ġej:

2019: akkwist pubbliku (EUR 4 miljun) (50 %) – Għotjiet (EUR 4 miljun) (50 %)
2020: akkwist pubbliku (EUR 4 miljun) (50 %) – Għotjiet (EUR 4 miljun) (50 %)

L-eżekuzzjoni tal-miżuri tal-2019 laħqet 100 % f'termini ta' impenji u 92,91 % f'termini ta' pagamenti ammonti impenjati.

L-eżekuzzjoni tal-miżuri tal-2020 laħqet 96,86 % f'termini ta' impenji; iċ-ċifri għall-pagamenti fuq il-miżuri tal-2020 kienu għadhom ma ġewx iffinalizzati fiż-żmien meta ġie abbozzat dan ir-rapport, minħabba li setgħu jsiru pagamenti sal-31 ta' Diċembru 2021.

III. TQASSIM TAL-AZZJONIJIET IFFINANZJATI

Bejn l-2019 u l-2020, il-miżuri ta' informazzjoni tal-PAK kienu ffokati bis-sħiħ fuq il-PAK futura u l-prijoritajiet ta' politika tal-Kummissjoni. Il-perjodu ta' rapportar ikkoinċida man-negozjati li għaddejjin dwar il-proposti settorjali tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) dwar ir-riforma tal-PAK, ippreżentati mill-Kummissjoni fl-1 ta' Ġunju 2018. Fl-2019, l-azzjonijiet kienu jinkludu wkoll sensibilizzazzjoni dwar l-elezzjonijiet parlamentari Ewropej, matul l-

[3] https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/2229.

[4] https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/key-policies/common-agricultural-policy/cmef/regulation-and-simplification/information-policy-common-agricultural-policy-1_mt.

[5] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Evaluation on the information policy on the Common Agricultural Policy, SWD (2021)980.

azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni li għaddejjin bħalissa mid-DĠ AGRI biex jinvolvi ruħu maċ-ċittadini u mal-partijiet ikkonċernati dwar il-proposti ta' riforma tal-PAK. Kien hemm sforz qawwi mill-Kummissjoni dwar l-avvanz tal-aġenda għas-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, bl-adozzjoni tal-istrateġiji Mill-Għalqa sal-Platt u għall-Bijodiversità fl-20 ta' Mejju 2020, u d-diskussjoni kontinwa tagħhom mal-istituzzjonijiet u l-partijiet ikkonċernati l-oħra tal-UE. Il-promozzjoni tal-għarfien dwar ir-rwol ewlieni tal-PAK fil-kisba tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew kienet ċentrali għall-isforzi ta' komunikazzjoni ta' DĠ AGRI f'dan il-perjodu; din kienet tinkludi l-importanza tas-sostenibbiltà fid-dimensjonijiet kollha tagħha, ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Kif imsemmi hawn fuq, l-informazzjoni dwar l-azzjoni koordinata urġenti tal-Kummissjoni fil-livell tal-UE b'reazzjoni għat-tifqigħa tal-COVID-19 kienet tal-ogħla prijorità fl-2020. Dawn kienu jinkludu l-għoti ta' informazzjoni liċ-ċittadini u lil dawk li jfasslu l-politika dwar il-ħafna miżuri adottati mill-Kummissjoni bil-ħsieb li tiġi ssimplifikata l-ġestjoni tal-PAK u li jingħata appoġġ finanzjarju lill-bdiewa u lill-komunitajiet rurali. Kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-partijiet ikkonċernati, il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat l-importanza ta' settur agroalimentari robust u reżiljenti li jiffunzjona fiċ-ċirkostanzi kollha. Prijorità importanti oħra fl-2020 kienet il-komunikazzjoni dwar it-tħejjija ta' viżjoni fit-tul għaż-Żoni Rurali tal-UE.

L-azzjonijiet ta' informazzjoni ġew immarkati minn kooperazzjoni msaħħa ma' dipartimenti oħra tal-Kummissjoni, inkluż id-DĠ Komunikazzjoni (COMM), id-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari (SANTE), id-DĠ Riċerka u Innovazzjoni (RTD), iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u d-DĠ Ambjent (ENV). Dan irrifletta n-natura trażversali tal-aġenda tal-Patt Ekoloġiku. Sabiex jiġi żgurat li l-messaġġi ewlenin tal-PAK jitwasslu bħala parti min-narrattiva ġenerali tal-Patt Ekoloġiku, id-DĠ AGRI żviluppa materjal ta' komunikazzjoni speċifiku, pereżempju, dwar il-politika organika, ta' kwalità u ta' innovazzjoni; barra minn hekk, l-użu ta' għodod diġitali u tal-media soċjali ġie intensifikat sabiex tittejjeb l-effettività tal-komunikazzjoni lejn il-partijiet ikkonċernati u ċ-ċittadini.

1. Għotjiet (miżuri ta' informazzjoni kofinanzjati meħuda fuq l-inizjattiva tal-organizzazzjonijiet ta' partijiet terzi)

L-Artikolu 45 (miżuri ta' informazzjoni) tar-Regolament jipprevedi żewġ tipi ta' miżuri li għandhom jiġu ffinanzjati permezz ta' għotjiet, ta' programmi ta' ħidma annwali jew ta' miżuri speċifiċi oħra ppreżentati minn partijiet terzi. Miżuri ta' informazzjoni speċifiċi jirreferu għal avvenimenti ta' informazzjoni limitati fiż-żmien u fl-ispazju u implimentati abbażi ta' baġit wieħed. L-attivitajiet inklużi jistgħu jvarjaw minn konferenzi għal kampanja ta' informazzjoni komprensiva li tkopri diversi tipi ta' attivitajiet ta' informazzjoni (bħal produzzjonijiet awdjoviżivi, artikli tal-istampa, komunikazzjoni tal-media diġitali, l-organizzazzjoni ta' seminars u konferenzi jew l-attendenza ta' fieri agroalimentari) imwettqa f'diversi reġjuni u/jew Stati Membri. Programm ta' ħidma annwali huwa sett ta' bejn tnejn sa ħames miżuri speċifiċi ta' informazzjoni. Għall-2019 u l-2020, ġie deċiż (bħal fis-snin ta' qabel) li jinżammu biss miżuri speċifiċi ta' informazzjoni għall-kofinanzjament, bil-għan li tiġi ssimplifikata l-iskema tal-għotjiet u tiġi żgurata koerenza bejn l-azzjonijiet ta' komunikazzjoni differenti.

Is-sejħiet għal proposti[6] [7] ħeġġew azzjonijiet ta' informazzjoni li jiffukaw speċifikament fuq id-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali ta' Politika Agrikola Komuni sostenibbli. Fir-rigward tal-grupp fil-mira tal-partijiet ikkonċernati, l-għan kien li tiġi żgurata sensibilizzazzjoni akbar dwar il-kontribut tal-PAK għall-appoġġ tas-sostenibbiltà. Fir-rigward tal-pubbliku ġenerali (u b'mod partikolari ż-żgħażagħ f'żoni urbani), it-talbiet ħeġġew *inter alia* approċċi ġodda biex ikun hemm involviment maż-żgħażagħ; dawn kienu mmirati lejn it-tfal tal-iskola, l-għalliema u l-istudenti universitarji u ffukaw, pereżempju, fuq is-sensibilizzazzjoni dwar ir-rwol tal-PAK biex tiġi indirizzata l-isfida tat-tibdil fil-klima kif ukoll fuq l-inkoraġġiment ta' drawwiet ta' ikel tajbin għas-saħħa. B'mod ġenerali, l-għan kien li titqajjem kuxjenza pubblika dwar ir-rilevanza għaċ-ċittadini tal-appoġġ tal-UE għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, u l-kontribut tiegħu biex jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku.

Fl-2019, ġew kofinanzjati 18-il miżura, u fl-2020 22 miżura. Dan jagħmel total ta' 40 azzjoni kofinanzjata għall-perjodu bejn l-2019 u l-2020, kollha b'rata ta' 60 % tal-kostijiet eliġibbli effettivament imġarrba, flimkien ma' kontribuzzjoni b'rata fissa ta' 7 % tal-kostijiet eliġibbli. Fil-perjodu bejn l-2019 u l-2020, ingħataw ħames għotjiet lill-aġenziji tal-media u tal-komunikazzjonijiet għal miżuri li jippromwovu s-sensibilizzazzjoni tal-importanza tal-agrikoltura u taż-żoni rurali għas-soċjetà kollha kemm hi; dawn kienu jinkludu azzjonijiet b'element tranżnazzjonali sinifikanti mwettqa minn kumpaniji tal-media attivi fi Stati Membri differenti. Il-proġetti wrew kif il-PAK tikkontribwixxi għat-twettiq tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, u tindirizza s-sostenibbiltà tal-agrikoltura, fid-dimensjonijiet kollha tagħha. Ħafna drabi, dawn l-azzjonijiet kienu jinkludu elementi pedagoġiċi u avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni dwar l-ikel u l-biedja, b'enfasi fuq ir-rwol tal-appoġġ tal-UE u fuq l-importanza ta' tiġdid ġenerazzjonali għas-settur.

Ingħata wkoll appoġġ lil tmien azzjonijiet fuq livell nazzjonali mmexxija minn assoċjazzjonijiet jew entitajiet tal-bdiewa b'rabtiet qawwija mas-settur agrikolu; dawn il-proġetti ffukaw fuq l-isfidi attwali u futuri li qed jiffaċċjaw l-agrikoltura u ż-żoni rurali tal-UE u l-promozzjoni tas-sostenibbiltà. Ukoll fil-livell nazzjonali, fost l-oħrajn, istituzzjoni akkademika ffukat fuq l-opportunitajiet futuri għall-bdiewa żgħażagħ. Barra minn hekk, assoċjazzjoni tal-iżvilupp rurali fil-livell tal-UE organizzat proġett transfruntier iffukat fuq l-appoġġ lill-istudenti fit-taħriġ agrikolu. Barra minn hekk, żewġ organizzazzjonijiet attivi fil-qasam ambjentali fil-livell nazzjonali, kif ukoll waħda fil-livell tal-UE, irċevew appoġġ għal miżuri biex iqajmu kuxjenza dwar kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-ambjent u s-salvagwardja tal-bijodiversità fil-kuntest tal-istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt u l-prijoritajiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Ta' spiss, il-proġetti mogħtija għotjiet kienu jinkludu komponent edukattiv immirat lejn it-tfal tal-iskola, l-għalliema u l-istudenti universitarji. Dawn l-azzjonijiet tfasslu biex jinvolvu liż-żgħażagħ, iżidu s-sensibilizzazzjoni tagħhom dwar il-PAK u l-kontribut tagħha f'ħafna oqsma bħat-tibdil fil-klima, is-sigurtà alimentari, u l-promozzjoni ta' dieti tajbin għas-saħħa bħala għażla ta' stil ta' ħajja.

Minħabba r-restrizzjonijiet promulgati mill-awtoritajiet nazzjonali b'reazzjoni għall-

[6] Sejħa għal proposti għall-għotjiet 2019, Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea 2018/C 395/03, 31.10.2018.

[7] Sejħa għal proposti għall-għotjiet 2020, https://ec.europa.eu/research/participants/data/ref/other_eu_prog/imcap/wp-call/infome-01-2020_en.pdf.

pandemija tal-COVID-19, xi proġetti mogħtija għotjiet kienu ffaċċjati b'diffikultajiet kbar fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tagħhom. Dawn kellhom impatt b'mod partikolari fuq l-attivitajiet relatati mal-organizzazzjoni ta' seminars fl-iskejjel, ta' konferenzi u ta' parteċipazzjoni f'fieri agroalimentari. F'konformità mal-approċċ globali miftiehem mal-Kummissjoni Ewropea kollha, id-DĠ AGRI kompla jadotta livell għoli ta' flessibbiltà fit-tiftix ta' soluzzjonijiet biex jiżgura l-eżekuzzjoni ta' dawn il-proġetti.

Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport jagħti informazzjoni ddettaljata dwar l-għotjiet mogħtija matul il-perjodu ta' rapportar, inkluż l-għadd ta' applikazzjonijiet ta' suċċess għal kull Stat Membru.

Fil-perjodu bejn l-2019 u l-2020, huwa importanti li wieħed jenfasizza li għadd konsiderevoli ta' azzjonijiet ikkofinanzjati laħqu udjenza usa' lil hinn mill-parteċipanti immedjati, bis-saħħa tal-effett multiplikatur tal-istampa speċjalizzata u tal-media, kif ukoll bis-saħħa tal-użu akbar tal-internet u tal-media soċjali bħala għodod tat-tixrid.

L-applikazzjonijiet ġew ivvalutati fid-dawl tal-kriterji rigorużi tal-eliġibbiltà, tal-esklużjoni, tal-għażla u tal-għoti kif stipulat fis-sejħiet għal proposti. Dan kien konformi mar-Regolament Finanzjarju u kien jirrifletti l-għan tal-Kummissjoni li tikseb trattament ugwali u kompetizzjoni ġusta bejn l-applikanti[8].

2. Azzjonijiet diretti/akkwist pubbliku (miżuri ta' informazzjoni meħuda fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni)

Bejn l-2019 u l-2020, bħal fil-passat, twettqu għadd importanti ta' miżuri ta' informazzjoni fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni. L-impatt tal-pandemija tal-Covid-19 wassal għall-kanċellazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-avvenimenti wiċċ imb'wiċċ fl-2020 (mill-1 ta' Marzu), l-aġġustament ta' oħrajn u b'mod partikolari għal ċaqliqa ġenerali lejn l-użu ta' modi organizzattivi online matul is-sena.

a) Il-media u l-komunikazzjoni online

L-appoġġ lill-media b'informazzjoni rilevanti f'waqtha dwar il-PAK u l-politika tal-iżvilupp rurali attwali u futura kompla jidher b'mod qawwi f'dan il-perjodu. Il-pjattaforma mmirata lejn il-ġurnalisti interessati fi kwistjonijiet tal-ikel u tal-biedja, www.Ag-Press.eu, kompliet tissaħħaħ. L-organizzazzjoni ta' żjarat ta' studju, seminars u (fl-2020) webinars online għenet biex trawwem l-iskambju ta' għarfien u esperjenza bejn il-membri tal-Ag-Press, u kabbret il-fehim tagħhom tal-azzjonijiet tal-UE fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali.

L-attivitajiet ta' networking kienu jinkludu l-organizzazzjoni ta' żewġ vjaġġi ta' studju lejn ir-Rumanija, u l-Finlandja matul il-Presidenzi tagħhom tal-UE fl-2019. Il-vjaġġ ta' studju għar-reġjun ta' Cluj tar-Rumanija kien jinkludi aġġornamenti esperti, u żjarat lill-intrapriżi tar-raba' u tal-inbid, li wrew ir-rwol tat-teknoloġija moderna fil-kisbiet tagħhom. Il-wirt rikk tradizzjonali tal-produzzjoni tal-ġobon tar-reġjun u s-suċċess tiegħu fis-suq tal-UE, appoġġat mill-użu ta' tekniki ta' kummerċjalizzazzjoni moderni, intwera wkoll. Punt ewlieni ieħor kien proġett organiku ta' suċċess kummerċjali bbażat fuq it-tradizzjoni tat-Transilvanja tal-ippressar kiesaħ ta' żrieragħ mhux ipproċessati. L-iskambji mal-produtturi u mal-imprendituri

[8] Aktar informazzjoni dettaljata dwar l-għotjiet tista' tinstab ukoll fuq is-sit web Europa: http://ec.europa.eu/agriculture/grants-for-information-measures_en.

rurali fil-prattika kemm fil-Finlandja kif ukoll fir-Rumanija pprovdew għarfien dwar id-diversità tal-kundizzjonijiet tal-biedja fi Stati Membri differenti u l-isfidi li jiffaċċjaw.

Barra minn hekk, fl-ewwel nofs tal-2019, ġie organizzat seminar għan-network Ag Press bħala parti minn fokus sostnut fuq il-komunikazzjoni dwar il-progress ulterjuri li sar fis-sħubija bejn l-Afrika u l-UE fl-agrikoltura. Dan segwa t-tielet konferenza ministerjali agrikola importanti bejn l-Unjoni Afrikana u l-Unjoni Ewropea f'Ġunju 2019 li, għall-ewwel darba, approvat Dikjarazzjoni Politika, akkumpanjata minn aġenda ta' azzjoni, bl-għan ġenerali li tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni fl-ikel u fil-biedja fil-livelli kollha. Dan l-isforz ta' komunikazzjoni kien jinvolvi l-mobilizzazzjoni ta' għodod differenti (konferenza stampa bil-parteċipazzjoni tal-Kummissarju tal-UE għall-Agrikoltura u l-kontroparti tiegħu tal-Unjoni Afrikana, stqarrijiet għall-istampa, skedi informattivi, attività diġitali u soċjali estensiva tal-media).

Fl-2020, minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija, ma sar l-ebda vjaġġ tal-istampa. Madankollu, ġew organizzati tliet webinars tal-Ag-Press biex jenfasizzaw il-prijoritajiet ewlenin tal-politika tal-UE. Il-miżuri estensivi ta' appoġġ tal-UE relatati mal-COVID kienu s-suġġett tal-ewwel webinar (l-20 ta' Mejju); dan iffoka, b'mod partikolari, fuq id-diversi miżuri adottati biex jiġi żgurat li l-ktajjen tal-provvista madwar l-UE ikomplu joperaw, u l-appoġġ tal-UE lill-SMEs, lill-bdiewa u liż-żoni rurali biex jittaffew l-effetti tal-kriżi. It-tieni webinar immarka l-adozzjoni tal-istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt (l-20 ta' Mejju), bil-parteċipazzjoni tas-Sur Janusz Wojciechowski, il-Kummissarju għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u tas-Sa Stella Kyriakides, il-Kummissarju għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari. Dan l-avveniment indirizza s-sostenibbiltà u r-rwol tal-PAK futura fil-kisba ta' sistemi tal-ikel sostenibbli. Il-kwistjonijiet tal-innovazzjoni u t-tiġdid ġenerazzjonali fil-biedja kienu s-suġġett tat-tielet webinar (il-15 ta' Diċembru). Dawn l-iskambji fil-fond ma' uffiċjali għoljin tal-Kummissjoni mid-DĠ AGRI u l-JRC għenu biex jissaħħaħ il-fehim tar-rappreżentanti tal-media dwar dawn il-kwistjonijiet ta' politika kruċjali, u ppermettew il-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar ir-rapport Perspettiva Agrikola għal bejn l-2020 u l-2030 u l-istudju Bdiewa tal-Futur.

Fil-perjodu ta' rapportar, id-DĠ AGRI kompla jiżviluppa l-kapaċità tal-media soċjali tiegħu u l-komunikazzjoni bbażata fuq l-internet. L-attività estiża tal-media soċjali għenet sostanzjalment biex titqajjem kuxjenza dwar il-PAK u rriżultat f'żieda fir-rati ta' involviment ma' udjenzi fil-mira ewlenin. Dan wassal għal tixrid aktar effiċjenti u effettiv tal-messaġġi fil-pjattaformi kollha, filwaqt li jiżgura kopertura regolari ta' varjetà ta' suġġetti wiesgħa. B'mod parallel, it-titjib fit-trekkjar u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-kontenut online iffaċilita l-implimentazzjoni ta' aġġustamenti meħtieġa biex tiġi żgurata messaġġerija xierqa u f'waqtha għall-udjenzi; dan iġġenera wkoll reazzjonijiet aktar rapidi u aktar effettivi għas-segwaċi. Materjal estensiv ta' komunikazzjoni faċli għall-utent żviluppat għall-media tal-web u soċjali għen biex titqajjem kuxjenza dwar ir-rwol tal-PAK fl-ilħuq tal-prijoritajiet tal-Patt Ekoloġiku, u l-miżuri adottati biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-COVID-19 fis-settur agroalimentari. Użu akbar ta' għodod awdjoviżivi u grafiċi żied b'mod sinifikanti l-firxa u l-appell tal-komunikazzjoni tal-media soċjali tad-DĠ AGRI. Eżempju partikolarment notevoli kien il-kampanja ta' komunikazzjoni attraenti żviluppata biex turi l-indikazzjonijiet ġeografiċi, il-wirt kulinari tal-UE, u l-politika ta' kwalità. Ieħor kien il-produzzjoni ta' kontenut awdjoviżiv qawwi biex jiġi enfasizzat il-proġett "bdiewa tal-futur", l-inizjattiva konġunta tad-DĠ AGRI-JRC dwar soluzzjonijiet innovattivi biex jiġu indirizzati sfidi futuri fis-settur agrikolu. Id-DĠ AGRI kompla jaħdem mad-DĠ COMM u ma' DĠ oħrajn biex jiżgura disseminazzjoni koordinata ta' kontenut fil-livell korporattiv, u b'hekk itejjeb l-effiċjenza tal-output tiegħu.

b) Konferenzi, fieri u avvenimenti

F'dan il-perjodu, l-involviment mal-partijiet ikkonċernati u l-ilħuq tal-pubbliku ġenerali komplew ikunu prijorità għall-azzjonijiet ta' komunikazzjoni tad-DĠ AGRI.

Il-konferenzi kienu mezz importanti għall-konsultazzjoni u għall-iskambju ta' informazzjoni u ideat dwar kwistjonijiet ta' politika vitali bejn il-Kummissjoni u varjetà wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, fil-livell reġjonali, nazzjonali u internazzjonali. Pereżempju, ir-riżultati tar-rieżami tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Foresti ġew ippreżentati fil-Konferenza "Il-Foresti Tagħna, il-Futur Tagħna" organizzata mill-Kummissjoni fi Brussell fil-25/26 ta' April 2019. Il-konferenza kkonfermat l-importanza vitali tal-foresti u tal-forestrija fil-kuntest tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU għall-2030. L-indirizzi ewlenin mill-Kummissarju għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, is-Segretarju tal-Istat Rumen għall-Foresti li jirrappreżenta l-Presidenza tal-Kunsill tal-UE, u l-Kummissarju għall-Azzjoni Klimatika u l-Enerġija wittew it-triq għal dibattitu komprensiv dwar il-potenzjal tas-settur tal-forestrija biex jikkontribwixxi aktar għall-avvanz tal-għanijiet ekonomiċi, soċjali, ambjentali u klimatiċi tal-UE. B'mod ġenerali, il-komunikazzjoni dwar din it-tema kompliet tkun objettiv ewlieni matul il-perjodu.

Barra minn hekk, il-ħidma fuq l-istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt, komponent ewlieni tal-Patt Ekoloġiku, bdiet f'Diċembru 2019. Il-Konferenza dwar il-Perspettiva Agrikola tal-UE tal-2019 kienet iffokata fuq is-sostenibbiltà mill-għalqa sal-platt. B'mod aktar speċifiku, l-interventi koprew għadd ta' inizjattivi meħuda minn atturi fil-katina tal-ikel biex itejbu s-sostenibbiltà tal-produzzjoni, tal-konsum u tal-kummerċ. Minbarra t-tibdil fil-klima, ġew esplorati aktar aspetti ta' sostenibbiltà, bħall-preservazzjoni tal-vijabbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli, il-vitalità tal-komunitajiet rurali, il-bijodiversità u r-riżorsi naturali. Id-domandi soċjetali li qed jevolvu u l-aspettattivi tal-konsumatur, b'mod partikolari għall-ikel sostenibbli, ġew indirizzati wkoll filwaqt li ġew eżaminati l-prospetti għas-swieq tal-UE sal-2030. Il-Konferenza ġabret aktar minn 600 parti kkonċernata, li jirrappreżentaw l-istituzzjonijiet tal-UE, il-gvernijiet u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, dawk involuti fil-katina tal-ikel, is-settur soċjoprofessjonali, l-esperti tas-suq, l-akkademiċi u l-gruppi ta' riflessjoni, u s-soċjetà ċivili usa'. It-tixrid mifrux tal-proċedimenti ġie żgurat bl-użu ta' webstreaming, għodod tal-media diġitali u soċjali.

Fl-2020, il-komunikazzjoni dwar is-sostenibbiltà u speċjalment dwar il-kisba tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew kompliet tissaħħaħ. Id-DĠ AGRI u d-DĠ SANTE organizzaw b'mod konġunt l-ewwel konferenza "Mill-Għalqa sal-Platt" f'format online fil-15/16 ta' Ottubru 2020. Il-Kummissarji għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, u s-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, ipparteċipaw fiċ-ċeremonji tal-ftuħ u tal-għeluq u enfasizzaw ix-xewqa tal-Kummissjoni li timpenja ruħha mal-partijiet ikkonċernati u mas-soċjetà ċivili sabiex tavvanza flimkien fil-kisba ta' progress lejn sistemi tal-ikel sostenibbli. Il-vantaġġi tal-format online ġew riflessi fil-livell għoli ta' parteċipazzjoni; dan kien evidenti wkoll fl-avveniment "It-tisħiħ tal-indikazzjonijiet ġeografiċi" organizzat f'Novembru li esplora modi u mezzi biex tissaħħaħ il-politika tal-kwalità tal-UE, u l-konferenza dwar il-Perspettiva ta' Diċembru 2020. Madankollu, l-aspetti anqas pożittivi tal-format online, fir-rigward tan-nuqqas ta' interazzjoni umana, u l-impatt tagħha fuq l-iskambju ta' prattika tajba u n-networking ġew enfasizzati wkoll mill-parteċipanti.

L-interazzjoni wiċċ imb'wiċċ mal-pubbliku ġenerali u mal-partijiet ikkonċernati fil-fieri tal-impriżi agrikoli baqgħet attività importanti. Id-DĠ AGRI kien preżenti fi tmien fieri u avvenimenti agrikoli fl-2019, spiss f'kooperazzjoni ma' dipartimenti oħrajn tal-Kummissjoni.

Materjal ta' komunikazzjoni dinamiku attraenti inklużi pubblikazzjonijiet saru disponibbli; ġew organizzati avvenimenti, b'mod partikolari għall-familji u għat-tfal tal-iskola. L-objettiv kien li jinstemgħu u jiġu involuti u li jiżdiedu l-viżibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-istituzzjonijiet tal-UE fil-livell lokali.

Fil-bidu tal-2020 (bħal fl-2019), id-DĠ AGRI, f'kooperazzjoni mad-DĠ SANTE, ipparteċipa bi stand dwar it-tema tas-sostenibbiltà, f'żewġ fieri agrikoli ewlenin: l-Internationale Grüne Woche f'Berlin, u l-Paris Salon International de l'Agriculture. Il-fieri l-oħrajn kollha ppjanati għall-2020 ġew ikkanċellati minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija.

Id-DĠ AGRI jkompli jesplora l-possibbiltajiet li jingrana l-avvenimenti differenti tiegħu biex jimmassimizza l-involviment taċ-ċittadini, bħal pereżempju, fil-Fiera agrikola f'Okra (FI) fil-bidu tal-presidenza Finlandiża tal-UE f'Lulju 2019. F'dik l-okkażjoni, f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u mal-awtoritajiet nazzjonali, sar Djalogu maċ-Ċittadini dwar il-PAK futura, bil-parteċipazzjoni tal-Ministru għall-Agrikoltura, tal-President tal-MTK, tal-assoċjazzjoni tal-produtturi u tal-kooperattivi, u tal-uffiċjali tal-AGRI. Barra minn hekk, ta' spiss, il-parteċipazzjoni f'fieri ewlenin tal-Kummissarju għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, flimkien ma' rappreżentanti għolja tal-Istati Membri, iġġenerat interess mifrux u kopertura estensiva fil-media nazzjonali u reġjonali.

IV. PROPORZJON TAL-INFIQ (IMPENJI U PAGAMENTI) BEJN L-AZZJONIJIET IKKOFINANZJATI FUQ L-INIZJATTIVA TA' TERZI (GĦOTJIET) U L-AZZJONIJIET TA' INFORMAZZJONI FUQ L-INIZJATTIVA TAL-KUMMISSJONI (AKKWIST PUBBLIKU)[9]

	2019			**2020**		
Iċ-ċifri kollha f'EUR	Għotjiet	Akkwist pubbliku	Total	Għotjiet	Akkwist pubbliku	Total
Bażit attwali	4 000 000	4 000 000	8 000 000	3 935 189	3 064 812	7 000 001
Impenji + Kodelegazzjoni (*)	4 025 093	3 974 786	7 999 879	3 935 189	2 844 906 (**)	6 780 095 (**)
% tal-konsum	100,63 %	99,37 %	100,00 %	100,00 %	92,82 %	96,86 %
Pagamenti	3 674 830	3 757 698	7 432 528	Mhux Applikabbli (***)	Mhux Applikabbli (***)	Mhux Applikabbli (***)
% tal-pagament vs. impenn/Kodelegazzjoni (*)	91,30 %	94,54 %	92,91 %	Mhux Applikabbli (***)	Mhux Applikabbli (***)	Mhux Applikabbli (***)

(*) Ċifri li jinkludu impenji tal-livell 1 jew 2 kif ukoll il-bażit minfuq minn entitajiet kodelegati.
(**) Abbażi tal-emenda tal-pjan ta' azzjoni għall-komunikazzjoni esterna tad-DĠ AGRI.
(***) Il-pagamenti ta' dawn l-azzjonijiet għadhom għaddejjin u għadhom ma humiex finalizzati.

Ġeneralment, il-pagamenti jkunu aktar baxxi mill-ammonti oriġinarjament impenjati. Fil-każ tal-għotjiet, dan jista' jiġi spjegat mill-fatt li l-kostijiet finali tal-azzjonijiet huma aktar baxxi milli inizjalment previst mill-benefiċjarju u, it-tieni, minħabba li mhux l-ispejjeż kollha ddikjarati mill-benefiċjarji jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli. Fil-każ ta' azzjonijiet meħuda fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, id-differenza bejn il-pagamenti u l-impenji tirriżulta mill-fatt li, filwaqt li l-impenji huma fissi, in-nefqa attwali hija anqas minn dik prevista minħabba l-iffrankar u l-użu ta' miżuri aktar kosteffikaċi matul l-implimentazzjoni.

V. KONKLUŻJONI

Il-promozzjoni tal-objettiv ta' sostenibbiltà tal-UE, li għandu l-għan li jittrasforma lill-UE f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva, kienet ċentrali għall-azzjonijiet ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni bejn l-2019 u l-2020. F'dan il-perjodu, il-miżuri ta' informazzjoni tal-PAK, li jirriflettu dan l-objettiv, enfasizzaw is-simplifikazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-PAK futura, il-kapaċità tagħha li twieġeb aħjar għall-isfidi ekonomiċi, ambjentali u soċjali emerġenti, il-fokus tagħha fuq l-appoġġ ta' introjtu vijabbli tal-impriżi agrikoli, it-tisħiħ tal-azzjoni ambjentali u klimatika, it-tisħiħ tan-nisġa soċjoekonomika taż-żoni rurali u l-indirizzar tat-tħassib tas-soċjetà.

9 EUR 13 200 000 – ikkodelegati lid-DĠ Komunikazzjoni fl-2019 u fl-2020 għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni korporattiva ma humiex inklużi f'din it-tabella.